

Domanda preliminari

L-Artikoli 9 u 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE, tal-25 ta' Lulju 1985, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi ⁽¹⁾ jipprekludu l-interpretazzjoni ta' dritt nazzjonali jew ta' ġurisprudenza interna stabbilita b'mod li tippermetti lill-vittma sabiex titlob kumpens għadannu kkawżat għal oġġett intiż għall-użu professjonali u użat b'dan il-għan, meta din il-vittma tipprovdni biss il-prova tadannu, tad-difett tal-prodott u tar-rabta kawżali bejn dan id-difett u d-dannu?

(¹) ĠU L 210, p. 29.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale ordinario di Milano (L-Italja) fit-30 ta' Ġunju 2008 — Crocefissa Savia et vs Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca et

(Kawża C-287/08)

(2008/C 236/13)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Qorti tar-rinvju

Tribunale ordinario di Milano

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Crocefissa Savia, Monica Maria Porcu, Ignazia Randazzo, Daniela Genovese, Mariangela Campanella

Konvenuti: Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca, Direzione Didattica II Circolo — Limbiate, Ufficio Scolastico Regionale per la Lombardia, Direzione Didattica III Circolo — Rozzano, Direzione Didattica IV Circolo — Rho, Istituto Comprensivo — Castano Primo, Istituto Comprensivo A. Manzoni — Rescaldina

Domandi preliminari

- 1) Leġiżlatur ta' Stat ta' l-Unjoni Ewropea jista' jadotta leġiżlazzjoni intiża li tagħti interpretazzjoni awtentika iżda li, fir-realtà, hija innovattiva fil-kontenut u hija ta' natura — b'mod partikolari — li tattribwixxi b'mod retroattiv lill-leġiżlazzjoni interpretata effetti li mhumiex dawk attribwiti preċedentement mill-ġurisprudenza prevalenti tal-qrati li jiddeċiedu fuq il-mertu u mill-ġurisprudenza kkonsolidata tal-qrati superjuri?
- 2) Ir-risposta għad-domanda preċedenti tista' tiġi influwenzata mill-possibbiltà li l-leġiżlazzjoni adottata tiġi kklassifikata mhux bħala innovattiva b'effetti retroattivi, iżda bħala leġiż-

lazzjoni verament interpretattiva, billi tali klassifikazzjoni tiġi dedotta mill-konformità tagħha mal-qari tat-test oriġinali mill-ġurisprudenza minoritarja tal-qrati li jiddeċiedu fuq il-mertu, minkejja li tali klassifikazzjoni ġiet ripetutament kontradetta mill-Corte di Cassazione?

- 3) Fil-każ ta' risposta affermativa, x'effett ikollu, fiż-żewġ każijiet, fuq l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' tali leġiżlazzjoni mad-dritt Komunitarju, u, b'mod partikolari, mal-prinċipji li jikkontribwixxu sabiex is-smigħ jiġi kklassifikat bħala "xieraq", il-fatt li l-Istat innifsu huwa parti fil-kawża u li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata fil-fatt timponi fuq il-qorti li hija tiċħad it-talbiet imressqa quddiemha?
- 4) Liema huma, b'mod indikattiv, ir-"raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali" li jistgħu jiġġustifikaw, jekk ikun il-każ ukoll b'deroga mir-risposta li għandha bħala prinċipju tingħata għad-domandi mressqa fil-punti 1, 2 u 3 iktar il-fuq, ir-rikonnoxximent ta' l-effetti retroattivi ta' dispożizzjoni ta' liġi applikabbli fil-qasam ċivili u f'relazzjonijiet ta' dritt privat, minkejja li dawn jiġu konklużi ma' entità pubblika?
- 5) Dawn ir-raġunijiet jinkludu motivi ta' organizzazzjoni bħala dawk li l-Corte di Cassazione Taljana rreferiet għalihom fis-sentenzi tagħha Nri 618, 677 u 11922/2088 sabiex tiġi ġġustifikata, b'mod partikolari, minħabba n-neċessità li tiġi "rregolata operazjoni ta' ristrutturar ta' portata wiesgħa", l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni intiża biex tirregola t-trasferiment ta' l-ATA [persunal amministrattiv tekniku u awżiljarju] ta' l-entitajiet lokali lejn l-Istat iktar minn sitt snin wara t-trasferiment stess?
- 6) F'kull każ, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi, jekk il-liġi nazzjonali ma tgħid xejn, ir-"raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali" li — fil-każ ta' kawża pendenti u b'deroga mill-prinċipju ta' ugwaljanza ta' l-armi fil-kawża — jistgħu jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni b'effetti retroattivi li tista' taqleb l-eżitu tal-kawża, jew, għall-kuntrarju, il-qorti nazzjonali għandha tillimita ruħha li tevalwa biss il-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tal-motivi invokati espressament in sostenn ta' l-għażliet tagħha mill-leġiżlatur ta' l-Istat in kwistjoni?

Talba għal deċiżjoni preliminari magħmula mill-Cour de cassation (Il-Lussemburgu) fis-7 ta' Lulju 2008 — Irène Bogiatzi, miżżewġa Ventouras vs Deutscher Luftpool, Société Luxair SA, Il-Komunitajiet Ewropej, L-Istat tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Le Foyer Assurances SA

(Kawża C-301/08)

(2008/C 236/14)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Qorti tar-rinvju

Cour de cassation